MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Numru 490/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
v

**JURGEN CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JURGEN CASSAR** ta' wiehed w ghoxrin sena, Anthony u Dolores nee Camilleri, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta’ Novembru 1987 u residenti 8, ‘Dor Twan’ Triq Amleto Spiteri, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 510687M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fid-dsatax ta’ Mejju 2009 ghal habta ta’ nofsinhar fil-Belt Valletta, ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet tal-Att dwar il-Karta tal-Identita, meta kien jaf li dan huwa falz;

2. Tali fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuqha, jew xort'ohra hassar jew iddistrugga karta tal-identita.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH w il-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2009 w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu nett meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu;

3. Il-fedina penali netta tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1 w ghalhekk thoss li ghandha tittratta mieghu bhala *a first time offender*.

4. Illi l-incident li kien wiehed *de minimis* fis-sens li l-imputat ghamel dikjarazzjoni falza li kien tilef l-karta tal-identita tieghu meta ‘n realta ma kienx tilifha, izda kien gidimha tant li l-karta tal-identita kienet imgerma u l-imputat staha jipproduciha u li bi zball waqghet mill-kartiera tieghu meta kien qed jimla l-formola fejn iddikjara li kien tilifha.

**Illi ghalhekk l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 11 u 14(2)(b) tal-Kap 258 u l-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat JURGEN CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sena mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------